**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 209/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Buttigieg)**

**Vs**

**ANTHONY D'AMATO**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Anthony D'Amato gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta'Jannar, 1999, ghal habta tas-7.00 a.m., f'Misrah il-Knisja, Birzebbugia, saq il-vettura numru tar-registrazzjoni DAI-403 :

1. B'manjera perikoluza;
**2.** B'manjera traskurata; u
**3.** B'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini w b 'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, tajjar lill-Joseph Camilleri, u involontarjament ikkagunalu offiza ta'natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. David Sammut M.D., ta' St' Luke's Hospital.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fit-3 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Anthony D'Amato hati ta'dawn l-akkuzi, u kkundannatu ghall-Multa ta' Lm100 kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tlett xhur b'effett mill-ghada tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Anthony D'Amato datat 12 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih u tilliberah minnhom u minn kull piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ilment ta' l-appellant huwa, bazikament, li l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament tajjeb tal-provi w li waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha in bazi ta' assunzjonijiet li bla ebda mod ma gew ipprovati.

Illi minn dak li setghet tara din il-Qorti, fil-kaz prezenti hemm konflingenza qawwija fuq fejn ezatt kien il-'point of impact' bejn l-appellant u il-pedestrian Joseph Camilleri. Fil-waqt li l-midrub jghid li gie mtajjar mill-vettura misjuqa mill-appellant waqt li kien qed jaqsam iz-zebra crossing li hemm faccata l-Knisja ta' Birzebbugia ghal habta tas-6.50 a.m., fil-21 ta'Jannar, 1999, f'temp xitwi u bix-xita, minn naha tieghu l-appellant jghid li hu kien gja' ghadda din iz-zebra crossing, wara li kien ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji li wiehed ghandu jiehu meta javvicina zebra crossing, meta f'daqqa wahda hass daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghu w ra ragel jaqa' fuq il-windscrren taghha.

Illi din il-Qorti thoss li hu punt ferm importanti li, jekk hu possibbli, jigi stabbilit fejn ezatt, jew f'liema parti tat-triq, sar l-incident. L-iskizz esebit mill-pulizija ma tantx jghati indikazzjoni tal-'point of impact'. Dan l-iskizz juri biss 'blood spot' f'distanza ta' madwar hames metri cirka mill-pedestrain crossing wara li l-vettura ta'l-appellant kienet skorrietha. Xhieda okulari ta' l-incident ma hemmx. Ghalhekk hemm biss iz-zewg verzjonijiet konflingenti, dik tal-pedestrian midrub, u dik tas-sewwieq l-appellant.

Ma hemm ebdu dubju li f'dan il-kaz ma kienx hemm xi sewqan bi speed minn naha ta' l-appellant. Ma hemmx prova dwar dan u lanqas ma hu akkuzat b'dan it-tip ta'sewqan. Ghalhekk ghandu ragun l-appellant jghid hawnhekk li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ghaddiet kummenti fis-sens li l-provi kienu jindikaw sewqan bi speed eccessiv. Dan minn imkien ma jirrizulta.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' l-istess appellant li jghid li meta hu kien qed javvicina z-zebra crossing, ha il-prekawzjonijiet kollha li kull sewwieq hu obbligat li jiehu f'dawk ic-cirkostanzi. Ma ngabet ebda prova kuntrarja, u, ghalhekk, ma hemmx raguni ghaliex dak li qed jghid l-appellant m'ghandux jigi emnut, imqarr sal-grad tal-probabbli.

Din il-Qorti hija propensa li temmen aktar lill-appellant milli il-verzjoni ferm xotta kif moghtija mill-midrub, u dan ghas-semplici raguni li l-provi li hemm fl-atti, apparti li huma konfingenti, huma ferm skarsi jew neqsin u bla ebda mod ma jistghu jwasslu sa dak il-grad tal-konvinciment morali mitlub mil-ligi. Il-Qorti thoss li hija ragjonevolment probabbli l-verzjoni moghitja mill-appellant li l-incident gara meta hu kien gja' ghadda z-zebra crossing sewwa, mill-anqas b'xi hames metri. Il-Qorti tara li fuq dan il-punt ta' fejn kien il-'point of impact' jezisti certament dubju ragjonevoli u hu f'dan is-sens li tara li in bazi tal-provi li hemm, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li l-incident sar fuq iz-zebra crossing.

Li kieku din il-Qorti hija moralment konvinta li l-incident gara precizament waqt li Joseph Camilleri kien qed jaqsam iz-zebra crossing, allura, kienet taqbel pjenament ma' l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u kienet tasal sabiex tiddikjara li dik il-Qorti, ghalhekk, setghet ragjonevolment u legalment

issib htija fl-appellant. Izda, ghar-raguni gja' imsemmija, cioe' id-dubju ragjonevoli dwar fejn precizament fit-triq safa' milqut Joseph Cammileri, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha provi bizzejjed b'sahhithom u konvincenti sal-grad rikjest mill-ligi biex issib u tiddikjara htija. Dan qed jinghad minkejja l-fatt li ghalkemm sewwieq ghandu dejjem u f'kull hin izomm 'a proper look out' ghal dak kollu li qed jigri madwaru waqt li qed isuq, specjalment ghal dak li huwa prevedibbli, mill-banda l-ohra kull persuna li tghazel li tinvadi w tidhol bir-rigel fil-kareggjata minn fejn jghaddi t-traffiku ghandha hi ukoll daqstant dover u obbligu li tara u tesplora t-triq sewwa qabel ma' taqsam. Trid tara li b'dak li sejra tghamel ma tkunx hi li fil-fatt tkun il-kagun jew kawza ta' xi incident.

Fil-kaz in ezami, hemm il-fuq imsemmija zebra crossing sabiex tintuza mill-pedestrians, u huwa ferm hazin meta xi persuna, bhal ma jsir hafna drabi, minhabba traskuragini jew biex tevita li timxi ftit metri safejn hemm din iz-zebra crossing, taqbad u taqsam it-triq propju ftit metri il-boghod minnha. Jidher li probabbilment, aktar iva milli le, hekk gara f'dan il-kaz.

Meta jigri hekk, certament si tratta mhux ta' negligenza kontributorja da parti tal-midrub, izda ta' negligenza assoluta tieghu ghaliex ikun hu direttament il-kawza ta' l-incident. Anke il-pedestrian ghandu l-obbligi tieghu li ghandu josserva, specjalment meta jigi biex jaqsam triq. U dawn huma aktar in evidenza meta pedestrian ma jghamilx uzu minn pedestrian crossing biex jaqsam li tkun biss xi ftit metri il-boghod minnu. Meta jigri hekk, dan ikun kaz fejn il-pedestrian ghandu jbati l-konsegwenzi kollha ta' ghemilu. Kif sewwa osserva l-appellant fir-rikors t'appell tieghu, sewwieq li jkun gja' ghadda zebra crossing logikament mhux mistenni li jgorr l-istess piz ta' responsabilita', ghal dak li jirrigwarda prekawzjonijiet, illi qieghed fuq kull sewwieq meta ghadu qed javvicina zebra crossing.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Anthony D'Amato, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, u ghalhekk tilliberah minnhom u minn kull piena.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur